**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 5 ta' Dicembru 2017**

**Rikors Guramentat Nru. 90 / 17RGM**

**Kawza fil-lista: 13**

**A B**
**vs**
**L-Avukat Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Madeleine Firman li gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrent izzewget lill-konvenut fil-hmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003);

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

3. Illi ghalkemm mhux legalment isseparata minn ma' zewgha, l-partijiet ilhom separati de facto ghal dawn l-ahhar tnax-il sena;

4. Illi hija giet abbandunata minn zewgha C D madwar tnax- il sena ilu, meta huwa halla dawn il-Gzejjer u qatt ma rritorna lura, u r-rikorrent ma ghandiex hjiel ta' fejn dan qieghed jirrisjedi u lanqas m'ghandha kuntatt mieghu;

5. Illi sforz l-istess abbandun, il-hajja matrimonjali ma' zewgha giet reza impossibli;

6. Illi m'hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni ma zewgha;

7. Illi ma hemm l-ebda assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

8. Illi r-rikorrent taf b'dawn il-fatti personalment;

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut kif fuq inghad u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u ssussidjarjament minhabba abbandun da parti tal-konvenut u ghal finijiet tal-artikolu 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu ikun ikkunsidrata li minnha huwa kien hati tal-firda;

2. Tawtorizza lir-rikorrent tghix separatament mill-konvenut;

3. Tordna l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti u tillikwida l-istess;

4. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fi r-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti kuraturi li ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti tal-kawza u rriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern;

Rat n-nota tal-attrici tal-1 ta' Awissu 2017 li maghha annettiet l-affidavit taghha u dak ta' Logan Mifsud;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2017 fejn il-kuratur iddikjara li mhux f'posizzjoni li jressaq provi billi ma nghatax informazzjoni fejn jinsab l-assenti, u ghalhekk il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

**L-attrici, A B,** fl-affidavit taghha mahluf fis-27 ta' Lulju 2017,[1]iddikjarat li saret taf lill-konvenut C D fis-sena 2003 meta kellha xi sittax il-sena, dak iz-zmien kienet tkun ma' grupp ta' hbieb li kienu jiltaqghu f'Paceville. Mill-ewwel qabad maghha u bdew johorgu flimkien ghalkemm kienet taf li kien akbar minnha.

Hu kien mis-Sirja pero' jitkellem bil-Malti, xi kull tant kien jghid li kien ser ikollu jitlaq minn Malta u l-attrici tghid li kien jiddispjaciha billi ma xtaqitx li jitlaq. Ghamlu xaharejn johorgu flimkien, hu kien icempillha kulljum u qalilha li kellhom bzonn jizzewwgu peress li kien ser jitlaq minn Malta. Hi ma riedithux jitlaq minn Malta u accettat li tizzewwgu.

Qalet lill-ommha li xtaqet tizzewweg lill-konvenut, pero' ommha ma kinitx hadet pjacir billi dehrilha li l-attrici kienet ghadha zghira wisq. Kienu tlewmu dwar dan pero' billi l-attrici baqghet tinsisti u fl-ahhar ommha accettat. L-attrici iddikjarat li ma kinitx taf x'kellu jsir u halliet kollox f'idejn il-konvenut, li rranga biex jizzewwgu fil-15 ta' Lulju 2003.

Wara li zzewwgu l-partijiet marru jghixu ghand ommha fi flat go Wied il-Ghajn. L-attrici tghid li kienet dipendenti fuq ommha billi f'dak iz-zmien ma kinitx tahdem u C kien ikun fid-dar il-hin kollu fuq il-kompjuter, x'kien jaghmel fuq il-kompjuter hi ma kinitx taf.

Tghid li wara ftit gimghat il-konvenut ma baqax jaghti kazha, beda johrog wahdu u ma kienx jghidilha fejn imur. Meta kienet tilmenta mieghu dwar dan hu kien jiggieled maghha. Ftit wara li zzewgu l-konvenut telaq mid-dar u ma marx lura. Ippruvat tfittxu izda qatt ma rrnexxhielha tikkomunika mieghu.

Xi hbieb taghha qalulha li kienu raw lill-konvenut, pero' hu qatt ma rritorna d-dar. L-attrici ddikarat li hi u l-konvenut ma ghandhom xejn, la karozzi u lanqas propjeta' u ma kellhomx tfal.

Finalment iddikjarat li minn dak iz-zmien qatt ma rat lill-konvenut u ma tafx x'sar minnu.

**Logan Mifsud,** fl-affidavit tieghu mahluf fis-27 ta' Lulju 2017, iddikjara li ilu jaf lill-attrici A B madwar 12 il-sena, ilhom f'relazzjoni serja ghal kwazi hdax il-sena u ghandhom zewgt itfal Shemizon ta' tmin snin u Michazon ta' sentejn u nofs. Hu

[1] Fol 16.

jaf li l-attrici kienet mizzewwga ma' persuna ta’ nazzjonalita’ Gharbija, pero’ ddikjara li ma jafx lil din il-persuna.  Xehed illi l-attrici kienet qaltlu bl-istorja taghha, li kienet izzewwget ta’ sittax il-sena. Fl-opinjoni tieghu l-attrici kienet ghadha zghira wisq f’dak iz-zmien u dak iz-zwieg kien zball.

Illum hu u l-attrici huma zewg persuni maturi u flimkien qed irabbu familja.

Il-konvenut assenti ma ressaq l-ebda provi tramite l-kuraturi deputati anke ghaliex dawn ma kellhomx mezz kif jikkomunikaw mieghu peress li l-attrici iddikjarat li ma tafx fejn jinstab.

L-attrici, b’nota pprezentat fid-19 ta’ Ottubru 2017 annettiet c-certifikat taz-zwieg,[2] li minnu jirrizulta li l-partijiet zzewgu f’Maraa, Syria fil-15 ta’ Lulju 2003 u l-mara ghazlet li zzomm kunjom xbubitha wara z-zwieg. Ir-registrazzjoni ta’ dan iz-zwieg fir-Registru Pubbliku, Valletta sar fuq talba tal-mara A B.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

L-attrici qed tipprocedi b’kawza biex jigi dikjarat id-divorzju billi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u billi giet abbandonata mill-konvenut zewgha.

Mill-provi rrizulta li l-partijiet zzewwgu fil-15 ta’ Lulju 2003, u skond l-attrici ftit zmien wara z-zwieg, il-konvenut telaq mid-dar u qatt ma rritorna.

Fir-rikors guramentat li gie pprezentat fis-17 ta’ April 2017, para 4, hi ddikjarat li giet abbandonata minn zewgha, C D madwar tnax il-sena ilu, cioe’fit-2005 meta l-konvenut halla dawn il-Gzejjer u qatt ma rritorna lura.

Hi illum ghandha relazzjoni stabbli ma’ Logan Mifsud u mieghu qed trabbi familja billi ghandhom zewgt itfal.

Il-kundizzjonijiet imposti mill-ligi biex jigi dikjarat divorzju huma elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kap. 16. Dawn huma li t-talba tista’ issir miz-zewg partijiet flimkien jew min parti kontra l-parti l-ohra; li meta ssir t-talba ghad-divorzju l-partijiet jinhtieg li jkun ilhom erba’ snin jghixu separati minn xulxin; li ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet; li l-konjugi u t-tfal taghhom ikunu qed jircevu manteniment adegwat, ghalkemm il-konjugi jistghu f’kull zmien jirrinunzjaw ghad-dritt tal-manteniment.

L-attrici ddikjarat li ftit zmien biss wara z-zwieg hi giet permanentement abbandonata mill-konvenut zewgha ghal ebda raguni.

[2] Fol 21.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Giuseppa Camilleri pro et noe vs Rocco Camilleri**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Novembru 1964 fejn gie dikjarat illi ;

" L-essenza tal-abbandun tirrisjedi fil-persistenza u l-kontinwita' ta' wiehed jew wahda mill-konjugi, illi jghix apparti mill-konjugi l-ohra jew l-iehor, skond il-kaz, minnghajr raguni tajba".

Fil-kawza fl-ismijiet " **Jane sive Giovanna Cordina vs Dottor Albert V Grech** et noe" deciza fil-11 ta' jannar 1965 ntqal;

" Biex l-abbandun ikun kawzali ta' separazzjoni personali hemm bzonn li (1) jkun ghall-perjodu ta' almenu sentejn u (2) li jkun minnghajr giusta kawza. L-apprezzament ta' cirkostanzi ta' fatt jekk tezisthix jew le giusta kawza huwa mholli fil-kriterju tal-giudikant".

Irrizulta ukoll mill-provi li l-partijiet ma akkwistaw xejn matul iz-zwieg, la beni mobbli u l-anqas immobbli u ma kellhomx tfal.

Il-premess jikkonferma li fil-kaz in ezami, r-rekwiziti mposti mill-Ligi ghal dikjarazzjoni ta' divorzju huma pjenament soddisfatti.

Il-partijiet ilhom separati 'de facto' ferm aktar minn erba' snin, ma hemm assolutament l-ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni, billi l-konvenut telaq mid-dar konjugali ftit zmien biss wara z-zwieg, siefer permanentement u l-attrici ma ghandha l-ebda hjiel fejn jinsab.

L-attrici giet abbandonata mill-konvenut zewgha minnghajr giusta kawza.

L-attrici irnexxielha tipprova sodisfacentement illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba abbandun da parti ta' zewgha; illi ma hemmx assi tal-komunjoni x'jigu divizi u li jezistu c-cirkostanzi kontemplati fil-ligi li jaghtu d-dritt lill-attrici li titlob mhux biss is-separazzjoni personali minn ma' zewgha izda wkoll li jigi ppronunzjat il-hall taz-zwieg.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-mottivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta tal-kuraturi deputati ghall-assenti bil-mod kif hawn deciz;

1. Tilqa’ l-ewwel talba tal-attrici u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut billi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment tort tal-konvenut minhabba li abbanduna lill-attrici;

2. Tilqa’ t-tieni talba tal-attrici u tawtorizzaha tghix separatament mill-konvenut;

3. Tilqa' t-tielet talba attrici billi ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tiddikjara li ma hemmx assi tal-komunjoni x'jigu likwidati u divizi.;

4. Tilqa’ r-raba’ talba tal-attrici u tikkommina kontra l-konvenut assenti s-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-Artikoli 48 u 51 sa 55A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Tilqa’ l-hames talba tal-attrici u tordna lir-Registratur tal-Qrati biex fi zmien xahar, fit-termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut assenti b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghall-assenti jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**